MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 66/2012

**A B**
**vs**
**C D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur tal-31 ta' Jannar 2012 li permezz tieghu ppremetta:-

Illi r-rikorrenti huwa legalment separat minn ma' martu l-intimata Marie D B, u dan in virtu ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Dr. Tonio Cauchi datat 21 ta' Novembru 2007, u kwindi ilu legalment separat ghal aktar minn erba' snin;

Illi miz-zwieg bejn il-partijiet twieldu tlett itfal, tnejn minnhom kienu diga' maggorenni meta sar il-kuntratt ta' separazzjoni u ma kienx hemm lok ghall-hlas ta' manteniment, filwaqt illi t-tielet wild Julia B kienet u ghadha prezentement minorenni - fir-rigward ta' l-

imsemmija Julia B, il-kuntratt ta' separazzjoni jistabilixxi illi r-rikorrenti ghandu jhallas manteniment ta' €314.47 fix-xahar ghall-istess minuri, u skont klawzola numru 15 tal-kuntratt il-Mara kellha d-dritt illi "malli d-dar matrimonjali tinbiegh titlob il-hlas a saldu ta' dan l-obbligu tal-manteniment tal-minuri ekwivalenti ghas-somma ta' ghaxart elef lira Maltin .... ";

Illi effettivament fuq il-bejgh tad-dar matrimonjali tal-partijiet, b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Sam Abela datat 20 ta' Frar 2009, u senjatament fit-tnax-il parti ta' dan l-istess kuntratt a fol. 38, ir-rikorrenti hallas s-somma ta' €23,293.73 [ekwivalenti ghal Lm10,000] ghas-saldu tal-manteniment minnu dovut ghal bintu minuri Julia, kif debitament accettat mill-intimata innifisha. B'hekk bi qbil ma' l-intimata, in virtu ta' dan il-pagament, ir-rikorrenti ma kellux jibqa' ihallas manteniment;

Illi in oltre l-partijiet skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni, klawzola numru 4 a fol. 2 irrinunzjaw ghad-dritt li jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin;

Illi ma jezizti l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u f'dan is-sens jigi rilevat ukoll illi r-rikorrenti prezentement ghandu partner li maghha ilu jghix f'relazzjoni stabbli ghal diversi snin;

Illi ghalhekk jissussistu l-elementi kollha sabiex jigi akkordat d-divorzju skont l-Artikoli 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab ghalhekk li din il-Qorti:-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet A B u Marie D B b'divorzju u dana ai termini ta' l-Artikoli 66A et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zrnien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-konvenuta[1] li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi preliminarjament l-intimata qieghda togezzjona ghall-azzjoni odjerna stante lis alibi pendens u dan ghaliex ir-rikorrenti ppresenta petizzjoni ghall-divorce quddiem il-Qrati Inglizi liema petizjzoni giet ippresentata fl-14 ta'Gunju 2011 liema petizzjoni ghadha pendenti quddiem il-District Judge Robinson fil-Family Division gewwa Londra;

2. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel raguni, l-intimata qieghda toggezzjona ukoll ghat-talba maghmula mir-rikorrenti ghaliex ma nghatawx l-garanziji kollha necessarji rigward l-hlas tal-ispejjes relattivi ghall-edukazzjoni u sahha tal-minuri binthom Julia kif stipulat fl-Artikolu 15 tal-Kuntratt ta' Separazzjoni ipprezentat mir-rikorrenti stess. Fil-fatt ir-rikorrenti ilu ma jhallas jew jikkontribwixxi ghal dawn l-ispejjes ghal aktar minn sentejn minkejja li jaf u huwa ben konxxju tal-obbligi tieghu tant li anke nbdew proceduri quddiem Qorti ohra;

3. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghal dak li diga nghad, l-intimata qieghda tesprimi l-oggezzjoni taghha ukoll ghat-talba maghmula mir-rikorrenti ghaliex ghandha r-riservi serji taghha li dak li hemm stipulat fl-Artikolu 9(ii)(f) tal-Kuntratt ta'Separazzjoni (Dokument 'A') ippresentat mir-rikorrenti stess jigi mcahhad lill-esponenti mill-istess rikorrenti tenut kont ukoll li huwa jokkupa kariga gholja fis-Servizz Pubbliku u hija ma nghatatx l-garanziji necessarji l-hlas ta'dan l-ammont isir fiz-zmien li jkun dovut;

4. Illi l-intimata qieghda toggezzona ghaliex ir-rikorrenti mhux affidabbli tant li f'dawn l-ahhar xhur kecca lill-uliedu l-kbar minn appartament li kien weghdhom u tahom biex jghixu fih u dan minkejja li kien jiggarantillhom li huma jibqghu hemm;

5. Illi raguni ohra ghaliex l-esponenti qieghda toggezzjona ghat-talbiet tar-rikorrent huwa l-fatt li huwa

[1] Fol. 110

kien intavola kawza ghall-annulament quddiem dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta liema kawza fl-istess ismijiet premessi giet deciza kontra tieghu mill-Imhallef Dr. Anna Felice li ma laqghatx it-talba maghmula mill-istess rikorrenti odjern;

6. Illi jigi rilevat li l-intimata qatt ma ntalbet biex ikun hemm tenttattiv ta' rikonciljazzjoni bejniethom u ghal dina r-raguni u ghall-fatt li hija ma taqbilx mad-divorzju li qieghda toggezzjona ukoll ghat-talbiet maghmula mir-rikorrenti fir-rikors promottur tieghu.

Rat in-nota tal-attur ipprezentata fis-6 ta’ Frar 2013 li permezz taghha ezebixxa l-original ta’ certifikat rilaxxjat mir-registru tad-divizzjoni tal-familja tal-High Court of Justice tal-Ingilterra fejn gie certfiikat li l-petizzjoni ghal divorzju li l-attur kien ipprezenta f’dik il-gurisdizzjoni kienet giet irtirata.

Semghat ix-xhieda tal-partijiet fl-udjenza tal-20 ta’ Gunju 2013

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur tal-31 ta’ Lulju 2013.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuta tad-9 ta’ Ottubru 2013.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta fejn eccepiet il-lis alibi pendens hija llum sorvolata in kwantu l-attur irtira l-proceduri ghal divorzju li kien istitwixxa quddiem il-Qrati Inglizi.

Fit-tieni eccezzjoni taghha l-konvenuta tilmenta li ma inghatawx mill-konvenut il-garanziji necessarji fir-rigward

tal-hlas tal-manteniment u spejjez relatati ma' edukazzjoni u sahha.

**Artikolu 66B tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi talba ghal divorzju m'ghandhiex tigi akkolta jekk min hu dovut ihallas manteniment lill-konjugi jew lill-ulied ma jkunx qed jaghmel dan. Skont il-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet ippubblikat fil-21 ta' Novembru 2007 min-Nutar Dr Tonio Cauchi, gie miftiehem permezz ta' klawsola 15:-

"15. Bhala sehemu mill-manteniment tal-minuri (sakemm din taghlaq it-tmintax-il sena ir-Ragel jobbliga ruhu li jhallas lil-Mara fl-ahhar ta' kull xahar b'lura is-somma ta' mija hamsa u tletin lira Maltin (Lm 135) ekwivalenti ghal tlett mija u erbatax-il Ewro u erbgha u erbghin centezmu (€314.47) - fix-xahar pagabbli bi standing order ghal kont indikat mill-mara liema somma ma tkopriex l-ispejjez kollha tal-edukazzjoni tal-istess minuri li jridu jinqasmu ugwalment bejn il-komparenti. Ir-Ragel ghandu ukoll ihallas nofs l-ispejjez tas-sahha tal-Minuri. Din is-somma ta' Lm135 ghandha tigi riveduta kull sentejn skont l-indici tal-inflazzjoni. Il-Mara ghandha id-dritt illi malli d-dar matrimonjali tinbiegh titlob il-hlas a saldu ta' dan l-obbligu tal-manteniment tal-minuri ekwivalenti ghas-somma ta' ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000) jew l-ekwivalenti fil-munita Euro li minnha ghandu jitnaqqas kull ammont li jkun thallas mir-Ragel mensilment ghal manteniment tal-minuri, liema ammont jigi kkunsidrat li thallas akkont tal-imsemmija somma ta' Lm 10,000."

Mix-xhieda tal-partijiet jirrizulta illi l-opposizzjoni tal-konvenuta taf l-origini taghha mhux strettament ghal ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Kap 16 izda ghaliex fil-principju ma taqbilx mad-divorzju u anke ghaliex kienu inqalghu kwistjonijiet bejn l-attur u uliedu minuri li kienu qed joqghodu fi proprjeta' li kien ipprovdilhom l-attur izda li recenti din ittiehditilhom.

Waqt ix-xhieda taghha fl-udjenza tal-20 ta' Gunju 2013 mistoqsija l-konvenuta jekk hemmx xi haga fil-kuntratt li ma kinitx qed tigi osservata tispjega illi kienet qed titlob li

jkun hemm garanzija biex taghmel tajjeb ghall-hlasijiet da parti tal-attur ta' sehemu mill-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha tal-minuri Julia li ghandha sbatax-il sena. Tghid illi l-hlas li kien sar tas-somma ta' €3,200 f'Ottubru 2012 kien sar ghas-saldu tal-**arretrati** ta' sehem l-attur mill-ispejjez relatati ma' edukazzjoni u sahha tal-minuri u mhux ghas-saldu ta' hlasijiet dovuti fil-futur.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-attur jissottometti illi l-garanzija ghall-manteniment mhijiex applikabbli f'dan il-kaz fl-ewwel lok ghaliex ma hemmx arretrati ta' manteniment u fit-tieni lok ghaliex il-ligi tirreferi ghall-manteniment u mhux ukoll ghall-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha.

**Artikolu 66D tal-Kap. 16** jipprovdi inter alia illi konvenut f'kawza ta' divorzju jista' jressaq l-eccezzjoni illi l-persuna li qed titlob id-divorzju ma tkunx hallset il-manteniment minnha dovut skont sentenza jew kuntratt ta' separazzjoni.

L-attur qed isostni illi gialadarba l-pretensjoni tal-konvenuta hi dwar spejjez relatati ma' edukazzjoni u sahha tal-minuri allura fi kwalunkwe kaz tali pretensjoni tal-konvenuta ma tistax titressaq 'il quddiem bhala eccezzjoni f'kawza ta' divorzju.

Ikkunsidrat;.

**Artikolu 19 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi fil-manteniment jidhlu l-ikel, l-ilbies, is-sahha u l-abitazzjoni. Izda meta l-manteniment ghandu jinghata lill-ulied "jidhlu wkoll l-ispejjez mehtiega ghas-sahha u ghall-edukazzjoni taghhom."

Isegwi ghalhekk illi meta f'kuntratt ta' separazzjoni bhal dak in dizamina jigi stipulat somma flus bhala 'manteniment' u somma indeterminata bhala "spejjez ta' edukazzjoni u sahha" tal-minuri, tali somma indeterminata taghmel parti mill-manteniment kontemplat fil-ligi minn genitur versu l-ulied. Artikolu 19 appena citat jistipula

b’mod car illi fil-manteniment ghal ulied jidhlu wkoll l-ispejjez ta’ sahha u edukazzjoni.

Fil-fehma tal-Qorti, tali spejjez ta’ edukazzjoni u sahha, jekk ma jigux kwantifikati, anke ghaliex hafna drabi l-ammont difficli jigi kwantifikat a priori. ma jnaqsilhom xejn mill-karattru ta’ manteniment dovut minn genitur versu uliedu kif kontemplat fl-Artikolu 19 tal-Kap.16.

Dwar is-sottomissjoni tal-attur illi bil-pagament ta’ €3,200.00 huwa issalda sew l-ispejjez ta’ sahha u edukazzjoni tal-minuri tal-passat kif ukoll l-ispejjez ta’ sahha u edukazzjoni tal-minuri fil-futur, din il-Qorti tqis tali sottomissjoni bhala infondata.

*Manteniment tal-Minuri Hu Dritt tal-Minuri Mhux tal-Genitur.*

Id-dritt tal-manteniment strettament huwa tal-minuri u mhux tal-genitur li jkollu l-kura u l-kustodja tal-minuri. Il-genitur li tal-minuri ghandu l-kura u l-kustodja jircevi l-manteniment f’idejh ghaliex il-minuri mhux kapaci jiehu hsieb tieghu innifsu. Naturalment hemm l-obbligu fuq il-genitur li jircevi l-manteniment tal-minuri li juzah ghall-htigjiet tal-minuri.

Il-Qorti qed tirrespingi l-argument tal-attur illi stante li c-cheque ta’ €3,200 thallas “in full and final settlement of Dr. A B’s share of health and educational expenses for his minor daughter Julia B” allura gie mehlus mill-obbligu tieghu li jaghmel tajjeb ghall-hlas tal-ispejjez ta’ sahha u edukazzjoni futuri tal-minuri Julia sakemm taghlaq tlieta u ghoxrien sena.

Tali ragunament ma fih l-ebda fondament legali. Dan ghaliex manteniment ta’ minuri kontrattat f’kuntratt pubbliku bl-approvazzjoni tal-Qorti, ma jistax jigi revokat jekk mhux bl-awtorita’ tal-Qorti. Fil-fatt Regolament nru 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20 jipprovdi illi meta jkun mehtieg tibdil f’kull haga regolata minn kuntratt ta’ separazzjoni personali ghandu qabel xejn jipprezenta ittra ghan-nomina ta’ medjatur tal-familja li ghandu jigi segwit

b’abbozz ta’ kuntratt bl-emenda ghall-approvazzjoni tal-Qorti. L-ispejjez ta’ sahha u edukazzjoni ta’ minuri naxxenti minn kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali jaqa’ fil-parametri tar-regolament appena citat.

Stabbilit illi l-attur ghadu obbligat kontrattwalment li jhallas l-ispejjez ta’ edukazzjoni u sahha futuri tal-minuri, jehtieg jigi ezaminat jekk hemmx ragunijiet validi ghall-imposizzjoni ta’ garanzija ghall-hlas taghhom.

Artikolu 66I tal-Kap.16 jiprovdi illi l-Qorti ghandha tordna l-hrug ta’ garanzija biex taghmel tajjeb ghall-hlas ta’ manteniment futur jekk jirrizulta mill-provi illi min hu obbligat ihallas tali manteniment kien inadempjenti jew hemm cirkostanzi oggettivi serji li juru l-htiega ta’ tali garanzija. Minn ezami tal-korrispondenza bejn il-legali tal-partijiet fir-rigward tat-talba ghall-hlas ta’ spejjez tal-edukazzjoni u sahha jirrizulta li l-pretensjoni originali tal-attrici kienet eccessiva tant li fil-kors tan-negozjati u skambji giet dimezzata. Ma jistax ghalhekk jinghad li l-konvenut kien inadempjenti.

Lanqas irrizultaw cirkostanzi oggettivi serji li juru l-htiega ta’ tali garanzija.

Ghaldaqstant it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta qed tigi respinta.

It-tielet, ir-raba’ u l-hames eccezzjoni huma manifestament irrilevanti ghall-mertu tal-kawza u m’hemmx lok li jigu trattati.

Dwar is-sitt eccezzjoni ghandu jinghad illi ghalkemm it-tentativi ghal rikonciljazzjoni huma dejjem rakkomandabbli, jirrizulta pero’ li l-attur stqarr f’dawn il-proceduri li llum huwa jinsab f’relazzjoni ma’ mara ohra u m’hemmx possibilita’ ghal rikonciljazzjoni.

Tenut kont li l-ebda wahda mill-eccezzjonijiet tal-konvenuta ma giet akkolta, il-Qorti ser issegwi r-regola li l-parti sokkombenti ghandha tbati l-ispejjez gudizzjarji.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta, tilqa’ t-talbiet attrici billi:-

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta’ bejn il-partijiet.

2. Tilqa’ t-tieni talba u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex sa mhux aktar tard minn xahar millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------